MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 7(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2013, fil-5:00 p.m.

1. **Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | AngeloMicallef (A.M.) |
| | Stephen Caruana (S.C.) |
| | Steven Grech (S.G.) |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall (D.H.) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Reply to management ghas-sena 2013

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

1. **Reply to management ghas-sena 2013**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif wara illi l-udituri imqabbda mill-Gvern Ċentrali kienu ingħataw kopja ta' l-*accounts* tal-Kunsill Lokali għall-perjodu Jannar-Diċembru 2012 u wettqu *on-site visit* illi matulha ingħataw aċċess għall-informazzjoni kollha mitluba, l-istess udituri kienu għaddew il-kunsiderazzjonijiet tagħhom lin-*National Audit Office*. Dan l-uffiċċju min-naħa tiegħu kien evalwa l-informazzjoni kollha miġbura u bagħat rapport lill-Kunsill Lokali bil-kunsiderazzjonijiet tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi flimkien ma' l-*accountant* tal-Kunsill Lokali kien xtarr ir-rapport mibgħu u ħejja xi punti illi setgħu jintbagħtu bħala risposta għar-rapport kkonċernat. Wara li elenka xi nuqqasijiet illi ħarġu mir-rapport ta' l-awdituri u spjega minn x'kienet il-kawża ta' l-istess nuqqasijiet, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali x'passi kienu ittieħdu jew kienu ser jittieħdu sabiex jiġi evitat illi l-istess nuqqasijiet jerġgħu jirrepetu ruħhom matul l-2013. Minbarra dan dawk prezenti gew infurmati illi kien hemm cirkostanzi illi l-amministrazzjoni ma' kelliex fuqhom. Dawn kienu jinkludu fost l-ohrajn ftehim ma' Marsaxlokk F.C. ghall-kiri ta' grounds tal-futbol kif ukoll xiri li kien sar matul l-2011 u li l-konsegwenzi tieghu irrizulta fl-audit li kien sar ghas –sena 2012.

Wara diskussjoni qasira is-Sur Steven Grech ippropona illi għandha tintbagħat risposta għar-*report to management* hekk kif proposta. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sur Edric Micallef u għaddiet b'votazzjoni unanima

Il-laqgħa spiċċat fis-6:00p.m.

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**